Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1706

13.7.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1706

tat-8 ta' Lulju 2026

dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fil-Kroazja u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1389 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2663

(notifikata bid-dokument C(2026) 4904)

(It-test bil-Kroat biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar hija marda infettiva li taffettwa lill-annimali kaprini u ovini u jista' jkollha impatt serju fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u fuq il-profittabbiltà tal-biedja u tikkawża disturb fil-movimenti tal-kunsinni ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi. F'każ ta' tifqigħa tal-pesta tar-ruminanti żgħar fl-annimali kaprini jew ovini, hemm riskju serju li dik il-marda tinxtered fi stabbilimenti oħra tal-annimali kaprini jew ovini.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, u definit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]). B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta fil-każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż l-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, u ċerti miżuri li jridu jiġu applikati fiha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta trid tkun tinkludi żona ta' protezzjoni u żona ta' sorveljanza, u, jekk ikun meħtieġ, żoni ristretti ulterjuri madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1389 ([4]) ġiet adottata fis-17 ta' Ġunju 2026 abbażi tar-Regolament (UE) 2016/429 u tistabbilixxi ċerti miżuri *interim* ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fil-Kroazja. Speċifikament, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1389 tipprevedi li ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u ż-żona ristretta ulterjuri, li jridu jiġu stabbiliti minn dak l-Istat Membru wara tifqigħa tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, iridu jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1389 tas-17 ta' Ġunju 2026 dwar ċerti miżuri *interim* ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fil-Kroazja (ĠU L, 2026/1389, 18.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/1389/oj).

(4) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1389, il-Kroazja nnotifikat lill-Kummissjoni, bejn il-21 ta' Ġunju u t-2 ta' Lulju 2026, b'sebgħa tifqigħat addizzjonali tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fi stabbilimenti fejn jinżammu l-annimali ovini u kaprini, li jinsabu fil-kontea ta' Bjelovarska-Bilogorska u Viroviticko-Podravska. F'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, il-Kroazja stabbiliet żoni ristretti, li jinkludu żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, fejn jiġu applikati l-miżuri ġenerali għall-kontroll tal-mard stabbiliti f'dak ir-Regolament Delegat, sabiex jiġi evitat aktar tixrid ta' dik il-marda.

(5) Sabiex jiġi kkontrollat it-tixrid tal-marda u jiġi evitat kull tfixkil bla bżonn fil-kummerċ fl-Unjoni u biex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' ostakoli mhux ġustifikati għall-kummerċ min-naħa tal-pajjiżi terzi, jeħtieġ jiġu stabbiliti malajr, fil-livell tal-Unjoni, b'kollaborazzjoni mal-Kroazja, il-post u d-durata ta' dawk iż-żoni ristretti, li jinkludu ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza kif ukoll żoni ristretti ulterjuri, stabbiliti minn dak l-Istat Membru f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(6) Fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika li tikkonċerna l-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fil-Kroazja, u b'mod partikolari meta titqies din it-tifqigħa ġdida, il-miżuri ta' emerġenza *interim* previsti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1389 jeħtieġ li jiġu aġġustati, kemm fl-ispazju kif ukoll fiż-żmien, u jkomplu jiġu applikati sabiex jiġi evitat li l-mard ikompli jinxtered fil-Kroazja jew lejn il-bqija tal-Unjoni. Għalhekk, jeħtieġ li l-lista aġġornata taż-żoni fejn trid tiġi stabbilita żona ristretta fil-Kroazja fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, kif ukoll id-durata prevista ta' dawn iż-żoni, jiġu stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(7) Id-daqs taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, u d-durata tal-miżuri li jridu jiġu applikati fihom, huma bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll fuq ir-regoli stabbiliti fl-Annessi X u XI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Il-kriterji applikati għall-għażla tad-daqs taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, kif ukoll tad-durata tal-miżuri li jridu jiġu applikati fihom, ma jqisux biss is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fiż-żoni affettwati minn dak il-mard, iżda anke s-sitwazzjoni epidemjoloġika kumplessiva tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fit-territorju kollu tal-Kroazja, kif ukoll il-livell tar-riskju li l-mard ikompli jinxtered. Għad-determinazzjoni tad-durata tal-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni, tqiesu l-istandards internazzjonali tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ([5]) (WOAH).

(8) Għalhekk, iż-żoni identifikati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti ulterjuri fil-Kroazja jeħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni kif xieraq, u jeħtieġ li tiġi stabbilita fiha d-durata ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni. Id-durata ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni tqis il-perjodi minimi għall-miżuri li jridu jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(9) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2663 ([6]) ġiet adottata fit-23 ta' Diċembru 2025, abbażi tar-Regolament (UE) 2016/429, u tistabbilixxi ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fil-Kroazja.

(10) Wara tifqigħat ulterjuri tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fil-Kroazja, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2663 ġie emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/317 ([7]).

(11) Mid-19 ta' Frar 2026, ma baqax neċessarju li l-miżuri għall-kontroll tal-mard previsti mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2663 jibqgħu jiġu applikati peress li, mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/317, ma ġiet irrapportata l-ebda tifqigħa ġdida sal-11 ta' Ġunju 2026.

(12) Għalhekk, jeħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1389 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2663 jitħassru t-tnejn li huma b'din id-Deċiżjoni.

([5]) https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/terrestrial-code-online-access/.

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2663 tat-23 ta' Diċembru 2025 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fil-Kroazja (ĠU L, 2025/2663, 30.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/2663/oj).

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/317 tal-5 ta' Frar 2026 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2663 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fil-Kroazja (ĠU L, 2026/317, 10.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/317/oj).

(13) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, u l-ħtieġa li l-marda ma tinxteridx mill-istabbilimenti affettwati fil-Kroazja lejn partijiet oħra ta' dak l-Istat Membru jew lejn Stati Membri oħra, jenħtieġ li l-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni japplikaw malajr kemm jista' jkun.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kroazja għandha tiżgura li:

(a) tiġi stabbilita minnufih mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru żona ristretta li tinkludi żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, kif ukoll żona ristretta ulterjuri, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih;

(b) iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u ż-żoni ristretti ulterjuri imsemmija fil-punt (a) jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(c) il-miżuri li jridu jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u fiż-żoni ristretti ulterjuri jibqgħu jiġu applikati mill-inqas sad-dati elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(d) Il-movimenti tal-annimali kaprini u ovini miż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u miż-żona ristretta ulterjuri lejn destinazzjoni li tinsab barra l-perimetru estern taż-żona ristretta ulterjuri kif previst fil-Punt B tal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni huma pprojbiti sad-dati elenkati għal kull żona fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(e) Il-movimenti tal-annimali kaprini u ovini mit-territorju kollu tal-Kroazja lejn destinazzjoni li tinsab barra mill-Kroazja huma pprojbiti sat-30 ta' Settembru 2026.

Artikolu 2

Il-Kroazja għandha tapplika l-miżuri li huma applikabbli għal żoni ristretti ulterjuri, kif previst fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, fiż-żoni elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, u f'konformità mad-dati stabbiliti fih.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1389 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2663 tħassru.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Parti A: żoni stabbiliti fil-livell tal-unjoni bħala żoni ristretti, li jinkludu żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fil-Kroazja

Numru ta' referenza tal-ADIS għat-tifqigħa	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli
HR-PPR-2026-00004 HR-PPR-2026-00005 HR-PPR-2026-00006 HR-PPR-2026-00007 HR-PPR-2026-00008 HR-PPR-2026-00009 HR-PPR-2026-000010 HR-PPR-2026-000011 HR-PPR-2026-000012 HR-PPR-2026-000013	**Protection zone includes areas of:** (a) U **Bjelovarsko – bilogorska županiji:** — naselja Daruvar, Daruvarski Vinogradi, Doljani, Donji Daruvar, Gornji Daruvar, Markovac i Vrbovac na području Grada Daruvara, — naselja Batinjska Rijeka, Batinjani, Dobra Kuća, Gornja Vrijeska i Vukovije na području općine Đulovac, — naselja Bijela, Donji Borki, Kip, Miljanovac, Pakrani, Sirač i Šibovac na području općine Sirač, — sva naselja na području Grada Čazme. (b) U **Zagrebačkoj županiji**: — sva naselja na području općine Dubrava. (c) U Virovitičko podravskoj županiji — naselja Macute, Bokane, Dobrić, Gornji Meljani, Kometnik-Jorgići, Kometnik-Zubići, Popovac, Rijenci, Sekulinci i Smude na području općine Voćin, — naselje Golenić na području Grada Slatine.	18.8.2026
HR-PPR-2026-00004 HR-PPR-2026-00005 HR-PPR-2026-00006 HR-PPR-2026-00007 HR-PPR-2026-00008 HR-PPR-2026-00009 HR-PPR-2026-000010 HR-PPR-2026-000011 HR-PPR-2026-000012 HR-PPR-2026-000013	**Surveillance zone includes areas of:** (a) U **Bjelovarsko – bilogorskoj županiji**: — naselja Lipovac Majur i Ljudevit Selo na području Grada Daruvara, — sva naselja na području općine Dežanovac, — naselja Bastajski Brđani, Borova Kosa, Donja Vrijeska, Donje Cjepidlake, Đulovac, Gornje Cjepidlake, Katinac, Koreničani, Kravljak, Mala Babina Gora, Mala Klisa, Mali Bastaji, Mali Miletinac, Nova Krivaja, Potočani, Puklica, Removac, Stara Krivaja, Škodinovac, Velika Babina Gora, Velika Klisa, Veliki Bastaji, Veliki Miletinac i Maslenjača na području općine Đulovac, — naselja Duhovi, Gornji Uljanik, Hrastovac, Tomašica, Uljanički Brijeg i Uljanik na području Grada Garešnice, — sva naselja na području Grada Grubišno Polje, — sva naselja na području općine Končanica, — naselja Hercegovac, Ilovski Klokočevac i Velika Trnava na području općine Hercegovac, — naselja Barica i Gornji Borki na području općine Sirač, — naselje Pavlovac na području općine Veliki Grđevac, — naselja Berek, Krivaja i Šimljanik na području općine Berek, — naselja Breza, Gudovac, Klokočevac, Malo Korenovo, Prgomelje, Rajić, Stančići i Veliko Korenovo na području Grada Bjelovara, — naselja Babinac, Donja Petrička, Đurđic, Gornja Petrička, Ivanska, Kolarevo Selo, Križic, Paljevine, Rastovac, Samarica i Utiskani na području općine Ivanska, — naselja Rovišće, Tuk i Žabjak na području općine Rovišće, — sva naselja na području općine Štefanje.	5.9.2026

Numru ta' referenza tal-ADIS għat-tifqigħa	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli
	(b) U **Požeško – slavonskoj županiji**: — naselja Bogdašić, Kruševo, Striježevica, Kamenski Vučjak, Mihajlije, Mijači, Mrkoplje, Novo Zvečevo, Sažije i Šušnjari na području općine Brestovac, — naselja Antunovac, Brekinska, Dobrovac, Filipovac, Gaj, Japaga, Klisa, Kukunjevac, Lipik, Skenderovci, Strižičevac i Šeovica na području Grada Lipika, — sva naselja na području Grada Pakraca, — naselja Bešinci, Češljakovci, Doljanovci, Golo Brdo i Kaptol na području općine Kaptol, — naselja Doljanci, Gornji Vrhovci, Kantrovci, Potočani, Radovanci, Stražeman, i Velika na području općine Velika. (c) U **Virovitičko- podravskoj županiji**: — naselja Budanica, Cabuna, Dvorska, Gvozdanska, Jugovo Polje, Mala Trapinska, Pčelić, Pepelana, Pivnica Slavonska, Rodin Potok, Sovjak, Trnava Cabunska, Velika Trapinska, Žiroslavlje, Žubrica i Levinovac na području općine Suhopolje, — naselja Jasenaš i Sveti Đurađ na području Grada Virovitica, — naselja Ćeralije, Donje Kusonje, Đuričić, Gornje Kusonje, Hum, Hum Varoš, Mačkovac, Novo Kusonje, Kuzma, Lisičine i Voćin na području općine Voćin, — naselja Brezovljani Vojlovički, Bukvik, Čačinci, Humljani, Krajna, Krasković, Paušinci, Prekoračani, Pušina, Slatinski Drenovac i Vojlovica na području općine Čačinci — naselja Donje Bazije, Šaševo i Vraneševci na području općine Čađavica — naselja Balinci, Borik, Četekovac, Čojlug i Mikleuš na području općine Mikleuš — naselja Bjelkovac, Brezik, Bukovački Antunovac, Dobrović, Donja Bukovica, Gornje Viljevo, Miljevci i Nova Bukovica na području općine Nova Bukovica — naselja Bijeljevina Orahovička, Donja Pištana, Gornja Pištana, Kokočak i Orahovica na području Grada Orahovice — naselja Bakić, Bistrica, Donji Meljani, Gornji Miholjac, Ivanbrijeg, Kozice, Lukavac, Markovo, Medinci, Novi Senkovac, Radosavci, Sladojevački Lug, Sladojevci i Slatina na području Grada Slatine — naselja Grabić, Josipovo, Kapinci, Nova Šarovka, Novaki, Sopje, Španat, Vaška i Višnjica na području općine Sopje. (d) U **Koprivničko- križevačkoj županiji**: — naselja Gračina, Novaki Ravenski, Poljana Križevačka i Špiranec na području Grada Križevaca, — naselja Brdo Cirkvensko, Brezovljani, Cirkvena, Hrsovo, Kenđelovec, Kuštani, Ladinec, Novi Glog, Predavec Križevački, Sveti Ivan Žabno i Škrinjari na području općine Sveti Ivan Žabno.	

Numru ta' referenza tal-ADIS għat-tifqigha	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli
	(e) U **Sisačko – moslavačkoj županiji**: — naselja Gornja Jelenskai Moslavačka Slatina na području Grada Popovače, — naselja Gornja Vlahinička, Grabričina, Katoličko Selišće, Kompator, Ludinica, Mala Ludina, Mustafina Klada, Okoli, Ruškovica, Velika Ludina i Vidrenjak na području općine Velika Ludina. (f) U **Zagrebačkoj županiji**: — naselja Gornja Greda, Gračec, Kusanovec, Lupoglav, Prečec, Prikraj i Tedrovec na području općine Brckovljani, — naselja Andrilovec, Mala Ostrna i Velika Ostrna na području Grada Dugo Selo, — sva naselja na području općine Farkaševac, — sva naselja na području općine Gradec, — naselja Caginec, Deanovec, Derežani, Graberje Ivanićko, Greda Breška, Ivanić-Grad, Lepšić Opatinec, Posavski Bregi, Šemovec Breški, Šumećani, Tarno Trebovec, Zaklepica i Zelina Breška na području Grada Ivanić Grada, — sva naselja na području općine Kloštar Ivanić, — sva naselja na području općine Križ, — naselja Ježevo i Obedišće Ježevsko na području općine Rugvica, — naselja Banovo, Brčevec, Celine, Cerik, Cerje, Donji Tkalec, Đivan, Gaj, Gostović, Greda, Konak, Kućari, Lonjica, Lovrečka Varoš, Lovrečka Velika, Luka, Lukovo, Marenić, Martinska Ves, Naselje Stjepana Radića, Novo Selo, Peskovec, Pirakovec, Podolec, Poljana, Poljanski Lug, Prilesje, Savska Cesta, Topolovec, Vrbovec i Vrbovečki Pavlovec na području Grada Vrbovca.	
HR-PPR-2026-00004 HR-PPR-2026-00005 HR-PPR-2026-00006 HR-PPR-2026-00007 HR-PPR-2026-00008 HR-PPR-2026-00009 HR-PPR-2026-000010 HR-PPR-2026-000011 HR-PPR-2026-000012 HR-PPR-2026-000013	**Surveillance zone includes areas of:** (a) U **Bjelovarsko – bilogorskoj županiji**: — naselja Daruvar, Daruvarski Vinogradi, Doljani, Donji Daruvar, Gornji Daruvar, Markovac, Vrbovac, Lipovac Majur i Ljudevit Selo na području Grada Daruvara, — sva naselja na području općine Dežanovac, — naselja Batinjska Rijeka, Batinjani, Dobra Kuća, Gornja Vrijeska, Vukovije, Bastajski Brđani, Borova Kosa, Donja Vrijeska, Donje Cjepidlake, Đulovac, Gornje Cjepidlake, Katinac, Koreničani, Kravljak, Mala Babina Gora, Mala Klisa, Mali Bastaji, Mali Miletinac, Nova Krivaja, Potočani, Puklica, Removac, Stara Krivaja, Škodinovac, Velika Babina Gora, Velika Klisa, Veliki Bastaji, Veliki Miletinac i Maslenjača na području općine Đulovac, — naselja Duhovi, Gornji Uljanik, Hrastovac, Tomašica, Uljanički Brijeg i Uljanik na području Grada Garešnice, — sva naselja na području Grada Grubišno Polje, — sva naselja na području općine Končanica, — naselja Hercegovac, Ilovski Klokočevac i Velika Trnava na području općine Hercegovac,	19.8.2026-5.9.2026

Numru ta' referenza tal-ADIS għat-tifqigħa	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli
	— naselja Bijela, Donji Borki, Kip, Miljanovac, Pakrani, Sirač, Šibovac, Barica i Gornji Borki na području općine Sirač, — naselje Pavlovac na području općine Veliki Grđevac, — naselja Berek, Krivaja i Šimljanik na području općine Berek, — naselja Breza, Gudovac, Klokočevac, Malo Korenovo, Prgomelje, Rajić, Stančići i Veliko Korenovo na području Grada Bjelovara, — naselja Babinac, Donja Petrička, Đurđic, Gornja Petrička, Ivanska, Kolarevo Selo, Križic, Paljevine, Rastovac, Samarica i Utiskani na području općine Ivanska, — naselja Rovišće, Tuk i Žabjak na području općine Rovišće, — sva naselja na području općine Štefanje (b) sva naselja na području Grada Čazme.U **Požeško – slavonskoj županiji**: — Naselja Bogdašić, Kruševo, Striježevica, Kamenski Vučjak, Mihajlije, Mijači, Mrkoplje, Novo Zvečevo, Sažije i Šušnjari na području općine Brestovac, — naselja Antunovac, Brekinska, Dobrovac, Filipovac, Gaj, Japaga, Klisa, Kukunjevac, Lipik, Skenderovci, Strižičevac i Šeovica na području Grada Lipika, — sva naselja na području Grada Pakraca — naselja Bešinci, Češljakovci, Doljanovci, Golo Brdo i Kaptol na području općine Kaptol, — naselja Doljanci, Gornji Vrhovci, Kantrovci, Potočani, Radovanci, Stražeman, i Velika na području općine Velika (c) U **Virovitičko- podravskoj županiji**: — naselja Budanica, Cabuna, Dvorska, Gvozdanska, Jugovo Polje, Mala Trapinska, Pčelić, Pepelana, Pivnica Slavonska, Rodin Potok, Sovjak, Trnava Cabunska, Velika Trapinska, Žiroslavlje, Žubrica i Levinovac na području općine Suhopolje, — naselja Jasenaš i Sveti Đurađ na području Grada Virovitica, — naselja Macute, Bokane, Dobrić, Gornji Meljani, Kometnik-Jorgići, Kometnik-Zubići, Popovac, Rijenci, Sekulinci, Smude, Kuzma, Lisičine i Voćin na području općine Voćin — naselja Brezovljani Vojlovički, Bukvik, Čačinci, Humljani, Krajna, Krasković, Paušinci, Prekoračani, Pušina, Slatinski Drenovac i Vojlovica na području općine Čačinci — naselja Donje Bazije, Šaševo i Vraneševci na području općine Čađavica — naselja Balinci, Borik, Četekovac, Čojlug i Mikleuš na području općine Mikleuš	

Numru ta' referenza tal-ADIS għat-tifqigħa	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli
	— naselja Bjelkovac, Brezik, Bukovački Antunovac, Dobrović, Donja Bukovica, Gornje Viljevo, Miljevci i Nova Bukovica na području općine Nova Bukovica — naselja Bijeljevina Orahovička, Donja Pištana, Gornja Pištana, Kokočak i Orahovica na području Grada Orahovice — naselja Golenić, Bakić, Bistrica, Donji Meljani, Gornji Miholjac, Ivanbrijeg, Kozice, Lukavac, Markovo, Medinci, Novi Senkovac, Radosavci, Sladojevački Lug, Sladojevci i Slatina na području Grada Slatine — naselja Grabić, Josipovo, Kapinci, Nova Šarovka, Novaki, Sopje, Španat, Vaška i Višnjica na području općine Sopje (d) U **Koprivničko- križevačkoj županiji**: — naselja Gračina, Novaki Ravenski, Poljana Križevačka i Špiranec na području Grada Križevaca, — naselja Brdo Cirkvensko, Brezovljani, Cirkvena, Hrsovo, Kenđelovec, Kuštani, Ladinec, Novi Glog, Predavec Križevački, Sveti Ivan Žabno i Škrinjari na području općine Sveti Ivan Žabno. (e) U **Sisačko – moslavačkoj županiji**: — naselja Gornja Jelenskai Moslavačka Slatina na području Grada Popovače, — naselja Gornja Vlahinička, Grabričina, Katoličko Selišće, Kompator, Ludinica, Mala Ludina, Mustafina Klada, Okoli, Ruškovica, Velika Ludina i Vidrenjak na području općine Velika Ludina. (f) U **Zagrebačkoj županiji**: — sva naselja na području općine Dubrava. — naselja Gornja Greda, Gračec, Kusanovec, Lupoglav, Prečec, Prikraj i Tedrovec na području općine Brckovljani, — naselja Andrilovec, Mala Ostrna i Velika Ostrna na području Grada Dugo Selo, — sva naselja na području općine Farkaševac, — sva naselja na području općine Gradec, — naselja Caginec, Deanovec, Derežani, Graberje Ivanićko, Greda Breška, Ivanić-Grad, Lepšić Opatinec, Posavski Bregi, Šemovec Breški, Šumećani, Tarno Trebovec, Zaklepica i Zelina Breška na području Grada Ivanić Grada, — sva naselja na području općine Kloštar Ivanić, — sva naselja na području općine Križ, — naselja Ježevo i Obedišće Ježevsko na području općine Rugvica, — naselja Banovo, Brčevec, Celine, Cerik, Cerje, Donji Tkalec, Đivan, Gaj, Gostović, Greda, Konak, Kućari, Lonjica, Lovrečka Varoš, Lovrečka Velika, Luka, Lukovo, Marenić, Martinska Ves, Naselje Stjepana Radića, Novo Selo, Peskovec, Pirakovec, Podolec, Poljana, Poljanski Lug, Prilesje, Savska Cesta, Topolovec, Vrbovec i Vrbovečki Pavlovec na području Grada Vrbovca.	

Parti B: Żoni stabbiliti bħala żoni ristretti ulterjuri fil-livell tal-Unjoni fil-Kroazja

Pajjiż	Żona amministrattiva	Żoni stabbiliti bħala żona ristretta ulterjuri, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Il-Kroazja	**Bjelovarsko – bilogorska županiji**	The entire territory of Bjelovarsko – bilogorska županija excluding the areas contained in any protection or surveillance zone.	5.9.2026
	Požeško – slavonska županija	The entire territory of Požeško – slavonska županija excluding the areas contained in any protection or surveillance zone.	5.9.2026
	Virovitičko- podravska županija	The entire territory of Virovitičko- podravska županija excluding the areas contained in any protection or surveillance zone.	5.9.2026
	Zagrebačkoj županija	The entire territory of Zagrebačka županija excluding the areas contained in any protection or surveillance zone.	5.9.2026
	Koprivničko- križevačkoj županija	The entire territory of Koprivničko- križevačka županija excluding the areas contained in any protection or surveillance zone.	5.9.2026
	Sisačko – moslavačkoj županija	The entire territory of Sisačko – moslavačka županija excluding the areas contained in any protection or surveillance zone.	5.9.2026

ANNESS II

Pajjiż	Żona amministrattiva	Żoni msemmijin fl-Artikolu 2	Data sa meta applikabbli
Il-Kroazja	**Bjelovarsko – bilogorska županiji**	The entire territory of Bjelovarsko – bilogorska županija.	6.9.2026-5.10.2026
	Požeško – slavonska županija	The entire territory of Požeško – slavonska županija.	6.9.2026-5.10.2026
	Virovitičko- podravska županija	The entire territory of Virovitičko- podravska.	6.9.2026-5.10.2026
	Zagrebačkoj županija	The entire territory of Zagrebačka županija.	6.9.2026-5.10.2026
	Koprivničko- križevačkoj županija	The entire territory of Koprivničko- križevačka županija.	6.9.2026-5.10.2026
	Sisačko – moslavačkoj županija	The entire territory of Sisačko – moslavačka županija.	6.9.2026-5.10.2026